**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2024

Rikors Ġuramentat: 86/21AL

**A B**

**vs.**

1. **C D**
2. **E D**
3. **Direttur tar-Reġistru Pubbliku**
4. **Dr. Martin B u l-P.L. Gillian Muscat nominat b'digriet tal-20 ta' April 2021 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri F D u b'digriet tas-6 t'Ottubru 2021 gew estromessi l-kuraturi deputati Dr. Martin B u l-P.L. Gillian Muscat peress illi l-istess C Muscat se tirraprezenta lill-minuri F Muscat.**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur fejn ippremetta s-segwenti:

*Illi l-esponent kellu relazzjoni extra-maritali mal-intimata C D ghal tul ta' snin, u li minn din ir-relazzjoni l-intimata weldet tifel senjament F D fi 3 ta' Settembru 2009, kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok A u li jgib in-numru ta' registrazzjoni 92098;*

*Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b' Att tat-Twelid taht missier E D;*

*Illi l-intimata C D kienet infurmat lil esponent li l-minuri F kien frott ir-relazzjoni intima ta' bejniethom u l-wild naturali tieghu, filwaqt li tul is-snin illudiet lill-esponent li ha tkun qed tlaqqu mal-minuri u li kienet ha tibda il-proceduri sabiex it-tifel ikollu kunjomu.*

*Illi wara insistenza da parte tal-attur biex jara meta kienu ha jibdew dawn il-proceduri liema proceduri qadt ma nbdew l-intimata giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 06 ta' Awwissu 2020 hawn annessa u mmarkata Dok B kif mitlub skond l-artiklu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-intimata kienet debitament notifikata nhar 17 ta' Awwissu 2020 sabiex tirraprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tal-attur bhala l-missier naturali tal-minuri izda l-intimata pprezentat nota fejn irrespingiet t-talba tal-attur A B hawn annessa u mmarkata Dok C.*

*Illi ghalkemm irrespingiet t-talba tal-attur l-intimata kienet ta' spiss iccempillu bin-number unknown u tweghdu li ha jaghmlu DNA test, izda ghal darb ohra kienet tilludieh, u l-unika mod ta' kommunikazzjoni wara li temmet ir-relazzjoni taghhom kienet peremezz ta' ittri li kien ihallilha fejn fosthom kien hemm ittri fejn talaba taghtih risposta hawn annessa u mmarkata Dok D.*

[1] Fol. 1.

*Illi l-esponent kien jagħti l-flus lill intimata ghat trobbija tat-tifel wara illi hija kienet tgħid li r-ragel taghha ossia E D kien ittiha €40 fil gimgha biss u għalhekk l-esponent kien ittiha €200 ohra sabiex tkun tista tmantni lit-tifel taghha.*

*Illi l-esponent mhux biss kien jaghti lil intimata dan il-manteniment ta' €200, izda sahansitra kien jagħtija ammont ta' flus kull darba li din talbietu sabiex tixtri xi affarijiet li xtaq il-minur, bhal per ezempju l-esponent kien ta madwar €850 biex tixtri lit-tifel papagall, €500 biex tixtri kelb, apparti affarijiet ohra.*

*Illi l-intimata waqt ir-relazzjoni extra-maritali taghhom kienet infurmat mal-ewwel dwar it-tqala taghha billi tatu t-test tat-tqala li kienet hadet dak iz-zmien hawn anness u mmarkat Dok E kif ukoll sussegwentament r-ritratti tal-ultra sound li kienet hadet hawn anness u mmarkat Dok F.*

*IIII apparti dan kollhu tul dawn is-snin kollha l-intimata kienet tibatlu varji ritratti tal-minuri hawn anness u mmarkati Dok G.*

*Illi l-esponent jrid ikun jaf jekk F D huwa l-wild bijologiku tieghu u ghal dan il-ghan saru diversi tentattivi sabiex issir it-test tad-DNA sabiex jitnehhew l-incertezzi;*

*Illi l-esponent lest li jissottometti ruhu ghall-test tad-DNA sabiex jigi maghruf wara dan is-snin kollha jekk il-minuri F D huwiex l-iben bijologiku ta' l-attur jew le.*

*Illi la darba jkun fic-cert li l-attur huwa l-missier bijologiku dan ghandu jkun registrat fid-dokumenti tar-Registru Pubbliku sabiex il-minuri F jigi rregistrat B, b'dan li ma jibqax registrat bhala missier E D.*

*Illi din il-kawza qegħda tiġi msesja ai termini tal-Artikolu 100A li ghandha tinqara flimkien mal- artikolu 70A u 86A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Talbu li l-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

*1. Tordna li jittiehed kunsens għal-test genetiku dwar il-paternita' tal-attur u tissostitiwixxi l-kunsens li ma tingħatax minn l-konvenut sabiex jittiehed l-kampjun.*

*2. Tiddikjara illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi F D huwa l-wild naturali tal-attur A B dan okkorendo bin-nomina ta' esperti medici sabiex isiru t-testijiet tad-DNA.*

*3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa d-debita korrezzjoni fl-atti tat- Twelid bin-numru 92098 Ta' F D fis-sens illi l-'E D' jigi sostwit bl-isem A B skond il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tal-konvenuti C D u E D li biha eċċepew:

*1. Illi in linea preliminari jinghad li l-kuraturi deputati gew mahtura inutilment, stante li ghandha tkun l-Omm bhala kuratrici ad litem illi tirrappreżenta lill-binha minuri f'dawn il-proceduri u għalhekk għandu jkun hemm l-estromissjoni ta' Dr Martin B u l-PL Gillian Muscat u din il-Qorti ghandha minflok tammetti lill-esponenti Omm bhala kuratrici ta' binha minuri;*

*2. Illi b'zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghall-istess jinghad illi l-attur naqas jelenka x-xhieda li behsiebu jressaq fil-kawza odjerna ai termini tal-artikolu 156 tal- Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Illi b'zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghall-istess jinghad li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qabel xejn l-attur irid jindika ai termini ta' liema artikolu tal-ligi hu qed jaghmel it-talba odjerna sabiex il-konvenuti jkunu f'posizzjoni li jaghmlu d-difiza taghhom. Jekk ma hemm ebda artikolu li tahtu qed issir din il-kawza allura il-kawza hija nulla;*

*4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'zieda mal-istess, jinghad li t-talbiet odjerni huma nfondati hemm guridikament kif ukoll fattwalment;*

---

[2] Fol. 47.

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-esponent jissottometti illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk jirrizulta li l-attur huwa l-missier tal-minuri F mhux fl-interess suprem tal-istess minuri li dan ikun fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu u/jew li jkun prezenti f'hajtu u dan stante li huwa bniedem perikoluz u mhux affidabbli, kif ser jirrizulta ampjament b'xhieda u provi li ser jigi ippresentati fil-kawza;*

*6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrent irid fl-istess waqt jeghleb il- presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri F D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghhom;*

*7. Illi b'zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghall-istess, anke jekk ser jirrizulta li t-tifel huwa iben ir-rikorrent, huwa ghandu jibqa' maghruf bil-kunjom 'D' u dan stante li t-tifel illum ghandu kwazi 12-il sena;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qed jopponu wkoll ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u jikkontendu li dawn ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuti;

Rat ir-risposta ġuramentata[3] tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li eċċepixxa s-segwenti:

*1. Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternità u ta' dikjarazzjoni ta' parentela ai termini tal-Artikolu 77A, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk ir-rikorrent ġiex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi bil-kawża istanti, u*

[3] Fol. 56.

*fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal- ġudizzju, ir-rikorrent għandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu immedjatament;*

*2. Illi wkoll in linea preliminari, ir-rikorrent irid jegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri F D ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tiegħu innumerat 2993/2009;*

*3. Illi l-esponenti jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tal-minuri F D, huwa mhux edott mill-fatti li gew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors guramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi processwali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*4. Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternità, huwa car illi sabiex tirnexxi l-kawża istanti, ir-rikorrent A B irid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, il-konvenuta C D kienet wettqet adulterju mieghu u di piu' jrid jipprova wkoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet genetici, li jeskludu lil E D, ir-raġel tal-konvenuta C D, bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri F D;*

*5. Illi stante s-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun ta' benefiċċju jekk il-partijiet jissottomettu rwichhom għal testijiet genetici ai termini tal- Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*6. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-esponent jirrileva illi r-rikorrent għandu jitlob li ssir id-debita korrezzjoni stante illi n-numru tal-att tat-twelid tal-minuri F D mhux 92098 kif ikkwotat minnu, iżda 2993/2009;*

*7. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jistieden lill-istess Savior B sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) L-età tiegħu meta twieled il-minuri F; (4) Il- tiegħu meta twieled post tat-twelid tiegħu; (5) Il-post ta' residenza F; (6) Isem u kunjom missieru; u (7) Jekk missieru kienx ħaj meta twieled il-minuri F. Tali informazzjoni tkun meħtieġa sabiex eventwalment tkun tista' tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri F;*

*8. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

*9. Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-kliem 'the said' li jinsab qabel isem E D, senjatament fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm, għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid tal-minuri F, innumerat 2993/2009, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors guramentat promotur u mmarkata Dok. A;*

*10. Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tad-Direttur;

Rat id-digriet tal-20 ta' April 2021[4] li bih ġew appuntati l-Avukat Dr Martin B u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat sabiex jirrapreżentaw lill-minuri F D f'dawn il-proċeduri u l-verbal tas-6 ta' Ottubru 2021[5] fejn il-partijiet qablu li l-Kuraturi Deputati għandhom jiġu estromessi peress illi l-partijiet jaqblu illi l-konvenuta C D għandha tirrappreżenta lill-minuri;

Rat ir-rikors tal-4 ta' Awwissu 2023[6] u d-digriet tas-7 ta' Awwissu 2023[7] li bih il-Qorti tat l-awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 77C tal-Kap 16;

Rat ir-rikors tad-29 ta' Novembru 2023[8] li bih l-attur talab illi ssir korrezzjoni fir-rikors promotur b'dan illi jinbidel in-numru tal-att ta' twelid minn 92098

---
[4] Fol. 21.
[5] Fol. 52.
[6] Fol. 77.
[7] Fol. 80.
[8] Fol. 97.

għal 2993/2009 u dan *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap 12 u d-digriet tat-2 ta' Diċembru 2023[9] fejn il-Qorti laqgħet it-talba;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum[10];

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-attur, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi l-minuri F D imwieled fit-3 ta' Settembru 2009 huwa l-wild naturali tiegħu u dan għalkemm fuq l-Att tat-Twelid il-konvenut E D (miżżewweġ lill-konvenuta omm, C D) huwa mniżżel bħala missier it-tifel. Jitlob lill-Qorti sussegwentement tordna l-emendi neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens illi 'E D' jiġi sostitwit bl-isem 'A B'.

Il-konvenuti minn naħa tagħhom jippreżentaw numru ta' eċċezzjonijiet u jgħidu illi t-talbiet tal-attur huma infondati kemm ġuridikament kif ukoll fattwalment u li mhux fl-interess suprem tal-minuri li l-attur jitniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u li jieħu kunjom l-attur.

Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fejn jisolleva numru ta' eċċezzjonijiet iżda finalment jirrimetti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti dwar il-kwistjoni tal-paternità.

**Provi**

L-attur jgħid fir-rikors promotur illi l-minuri huwa frott ir-relazzjoni bejnu u l-konvenuta C D li twieled fi żmien meta hija kienet miżżewġa lill-konvenut

[9] Fol. 98.
[10] Verbal a. fol. 99.

E D. Huwa jgħid illi għalkemm huwa interpellaha permezz ta' ittra uffiċjali[11] kif mitlub skont Artikolu 86 tal-Kap 16, hija ppreżentat nota fejn irrespinġiet it-talba tal-attur.[12] Minkejja dan, jgħid li l-konvenuta kienet ta' spiss twiegħdu li ħa jagħmlu DNA test, iżda qatt ma waslet biex għamlet dan. Huwa jgħid li kien jagħtiha l-flus għat-trobbija tat-tifel għaliex hija kienet tgħid li r-raġel tagħha *ossia* E D kien itiha erbgħin (40) Ewro fil-ġimgħa biss u għalhekk l-attur jgħid li kien itiha mitejn (200) Ewro oħra sabiex tkun tista' tmantni lit-tifel tagħha. Jgħid li kien itiha flus ukoll sabiex tixtri affarijiet li kien ikun jixtieq il-minuri.

Huwa jgħid li l-konvenuta mill-ewwel kienet infurmat lill-attur dwar it-tqala tagħha billi tatu t-*test* tat-tqala li kienet għamlet u fil-fatt jippreżenta dokument b'ritratt tat-tali test[13] flimkien ma' ritratti tal-*ultra sound* tat-tarbija ġol-ġuf[14] li hija kienet tibgħatlu. Jippreżenta wkoll ritratti[15] li jgħid li kienet tibgħatlu matul is-snin.

## 2. Il-Prinċipji Legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern

L-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li meta tarbija titwieled minn mara miżżewga li tkun ikkonċepiet l-istess tarbija matul iż-żwieġ, il-presunzjoni legali hi, salv l-eċċezzjonijiet kontemplati mill-liġi, illi l-wild huwa iben ir-raġel tal-omm li weldet it-tarbija. L-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu".*

Il-liġi nostrana ma tikkonsidrax b'mod leġġer talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiż-żwieg. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Marco Vella vs Pauline Cassar et[16]** intqal hekk fir-rigward tal-artikolu appena ċitat:- *"Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u*

[11] Kopja tal-ittra datata 6 ta' Awwissu 2020 a. fol. 6.
[12] Kopja tar-risposta datata 16 ta' Settembru 2020 a. fol. 7.
[13] Fol. 12.
[14] Fol. 13.
[15] Fol. 14.
[16] Deciza fil-25 ta' Mejju 2007.

*ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta` socjali bhala iben l-istess konjugi."*

In vista tal-fatt illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-allegat missier kontra l-omm u żewġha, tali azzjoni tikkwalifika bħala waħda bbażata fuq l-Artikolu 77A tal-Kap 16[17] li jeżiġi skont l-Artikolu 77C tal-Kap 16 illi jekk il-kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità issir wara żmien ta' sitt xhur mit-twelid tat-tifel il-Qorti trid, wara rikors ppreżentat quddiemha f'kull żmien, tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B.

L-attur talab tali awtorizzazzjoni u l-Qorti laqgħet it-talba permezz ta' digriet tas-7 ta' Awwissu 2023[18] u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

L-attur talab ukoll korrezzjoni fir-rikors promotur b'dan illi jinbidel in-numru tal-Att ta' Twelid minn 92098 għal 2993/2009 u dan *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap 12 u d-digriet tat-2 ta' Diċembru 2023[19] fejn il-Qorti laqgħet it-talba u għalhekk is-sitt eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wkoll ġiet sorvolata.

Permezz ta' nota tal-15 ta' Novembru 2022 l-attur provda d-dettallji mitluba fis-seba' eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u għalhekk din l-eċċezzjoni ġiet ukoll sorvolata.

L-Artikolu 81 li għalih jagħmel referenza l-Artikolu 77A, jipprovdi illi:

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

[17] Kif ukoll dikjarat mill-attur fir-rikors tiegħu tal-4 ta' Awwissu 2023 a. fol. 78 fejn ġie kkwotat Artikolu 77A iżda erronjament indikat bħala Artikolu 77B tal-Kap 16.
[18] Fol. 80.
[19] Fol. 98.

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku *et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi: "*Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghandhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur."*

Għalhekk il-Qorti trid hawn tara jekk l-attur irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-minuri F D huwa l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti mill-liġi u li għall-inqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-Artikolu 77A tal-Kap 16, ġiet ippruvata. L-attur jisħaq illi l-minuri ġie konċepit mir-relazzjoni intima li huwa kellu mal-konvenuta C D u li hija dejjem qablet ma' dan anzi li kienet hi li nfurmatu bit-tqala.

Magħdud ma dan il-Qorti tagħraf illi f'każijiet bħal dawn, il-prova reġina huwa l-eżami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **A B vs C D et**: "...*f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri*..."[20] Il-Qorti rat illi skont ir-rapport ġuramentat ta' Dr. Marisa Cassar[21], "Mit-testijiet li għamilt irriżulta A B ID No. 479772M hu l-missier naturali ta' F D"[22].

[20] Deċiża mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 April 2018 (Rik. Ġur. Nru. 79/16).
[21] Fol. 61.
[22] Fol. 62.

Illi għalhekk, u *in vista* tar-rapport ġuramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi ġie stabbilit b'mod ċar, illi l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri indikati fir-rikors promotur.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri F li llum għandu ħmistax-il sena, l-attur jitlob permezz ta' nota tal-15 ta' Novembru 2022, illi ġa ladarba l-minuri huwa ibnu huwa jixtieq illi jieħu kunjomu u *ċioé "*B". Huwa jgħid li jifhem illi t-tifel l-iskola huwa magħruf bħala "D" u għaldaqstant m'għandu ebda oġġezzjoni li l-iskola jibqa' magħruf bħala "D". Il-konvenuti C u E D minn naħa l-oħra jsostnu illi t-tifel għandu jibqa' magħruf bil-kunjom "D". Il-Qorti tħoss illi ma jkunx fl-aħjar interess tat-tifel illi f'dan il-punt f'ħajtu jinbidillu kunjomu minn lejl għal nhar meta huwa ilu magħruf b'dan l-isem u kunjom mit-twelid. Li kieku l-minuri għadu ta età żgħira u għadu ma stabilixxix ruħu sew fil-komunità kieku l-Qorti tkun iktar propensa tilqa' t-talba tal-bdil tal-kunjom, iżda ta' din l-età l-Qorti ma tħossx li l-minuri għandu jiġi sottomess għal mistoqsijiet u kummenti dwar l-identità tiegħu minħabba l-bdil ta' kunjomu u għalhekk ma tħossx li għandha tilqa' din it-talba ta' bidla fil-kunjom.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħi konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha sa fejn dawn ikunu inkompatibbli ma' dak deċiż f'din is-sentenza;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni *stante* li t-testijiet ġenetiċi saru tul il-proċeduri tal-kawża odjerna;

4. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi F D huwa l-wild naturali tal-attur A B;

5. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri F, Att numru elfejn disa’ mija u tlieta u disgħin tal-elfejn u disgħa (2993/2009), huwa jikkanċella l-kliem “E D” fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija u minflok jitniżżel “A B”. Tordna wkoll li jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur detentur tal-karta tal-identita` numru X, li meta twieled ibnu kellu sitta u tletin (36) sena, imwieled il-Pieta` u residenti l-Imsida meta twieled il-minuri, iben G B, li għadu ħaj u l-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

6. Tilqa’ d-disa’ eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tordna li l-kliem “the said” li jinsabu qabel isem E D, senjatament fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm jitħassru mill-Att tat-Twelid tal-minuri F, bin-numru progressiv elfejn disa’ mija u tlieta u disgħin tal-elfejn u disgħa (2993/2009);

Fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha salv għall-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li l-attur għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta’ l-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.